MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 29/2013

Appell Numru: 29/2013

Il-Pulizija

Spettur Sandro Camilleri

Vs

Deelian Mifsud

Illum, 29 ta' Jannar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Deelian Mifsud, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 18600L quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali flimkien ma *omissis* talli:

F' dawn il-Gzejjer fi Triq il-Merluzz, San Pawl Il-Bahar fit-30 ta' Jannar, 2012 ghall-habta ta' 15:15hrs ikkommetta serq li kien jikkontjeni oggetti ghad-dannu ta' Evelina Stocks liema oggetti jiswew aktar minn 116.50 euro izda inqas minn 233 Euro.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Jannar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Deelian Mifsud hati li naqas li joqghod ghall-htigijiet ta' l-ordni ta' probation mghoti fl-20 ta' Mejju, 2012 u taghzel li titratta mieghu ghar-reat li tieghu instab hati fl-20 ta' Mejju, 2012 u ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Deelian Mifsud minnu pprezentat fis-4 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tilqa` dan l-appell u tvarja s-sentenza billi tikkonfermha dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati li naqas li joqghod ghall-htigijiet tal-Ordni ta' Probation moghti fl-20 ta' Mejju, 2012 u thassar dik il-parti fejn ghazlet li titratta mieghu ghar-reat li tieghu nstab hati fl-20 ta' Mejju, 2012 u kkundannatu gimgha detenzjoni u minflok tordna t-tkomplija tal-imsemmija Ordni ta' Probation ai termini tal-Arikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan that dawk l-ordnijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

Illi l-piena ta' detenzjoni inflitta fuq l-esponenti hija eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u piena ta' din in-natura f'dan l-istadju tista` xxekkel il-hidma tal-professjonisti li qed jahdmu mal-esponent sabiex jigu indirizzati l-problemi fl-imgieba tieghu.

Illi fil-fatt kif huwa anke evidenti mill-ordnijiet li imponiet l-Ewwel Onorabbli Qorti fuq l-esponenti fl-istess gurnata tas-sentenza appellate, il-piena ta' detenzjoni inflitta kienet aktar intiza sabiex isservi ta' deterrent ghall-esponenti sabie jikkopera mal-professjonisti sakemm huwa jkun ghadu taht l-ordni ta' supervizjoni.

Illi fic-cirkostanzi ikun aktar opportun u fl-interess tal-esponenti, li huwa minuri ta' eta daqsekk tenera, li jkompli jinghata l-ghajnuna kollha possibbli u f'dan ir-rigward tkun ordnata t-tkomplija tal-Ordni ta' Probation imposta fuqu permezz tas-sentenza

tat-30 ta' Mejju, 2012 minflok jigi trattat mill-gdid ghar-reat ta' serq semplici li tieghu kien originarjament instab hati u kkundannat piena ta' detenzjoni.

Ikkunsidrat:

L-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Minorenni akkuzat illi fit-tletin (30) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) ikkommetta serq semplici. Permezz ta' sentenza tat-tletin (30) ta' Mejju tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant instab hati tal-istess akkuza u tpogga taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sena. Fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant instab hati ta' ksur tal-istess ordni ta' probation u gie ikkundannat gimgha ditenzjoni.

Fuq din l-appellant hassu aggravat u interpona appell quddiem din il-Qorti fejn l-aggravju tieghu jirriferi ghall-piena allegatament eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kienet ferm konxja tal-età tenera tal-appellant fi zmien illi wettaq dan ir-reat. Kien ghadu kif ghalaq tnax-il (12) sena u ghalhekk ittratteniet biex taghti s-sentenza definittiva sabiex taghti opportunità lill-probation officer Saviour Lia isegwi lill-appellant u jara li ma jkomplix ghaddej fi triq hazina u perikoluza tal-kriminalità illi jidher illi huwa qabad. Il-probation officer informa lil din il-Qorti illi l-appellant hu karattru difficli hafna b'cirkostanzi socjali mhux adegwati. L-omm ma tipprovdix gwida u l-appellant mohhu biex jigri barra u jaghmilha ma' kumpanija hazina. Ghamel zmien jinzamm fil-Young people's unit, Mount Carmel. Izda dan ma kienx l-ahjar soluzzjoni u ghalhekk sablu akkomodazzjoni fid-dar Frate Jacobo, Marsascala taht il-gwida ta' Fr. Ray fejn hemmhekk kien qed isir taghlim baziku fis-suggetti tal-Malti, Ingliz u Matematika u ghall-ewwel il-prospetti kienu inkoragganti. Il-probation officer irrapporta progress notevoli fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013 u fit-18 ta' Settembru 2013. Però fl-ahhar seduta tas-27 ta' Novembru 2014 jidher illi l-appellant mar lura ghat-triq hazina illi kellu qabel. Ma ikkoperax mal-probation officer, hareg mid-dar Frate Jacobo u qata' kull kuntatt mal-probation officer. Peress illi hareg minn rajh, ma jistax jerga' jirritorna lura f'din id-dar u ghalhekk mar lura ghand ommu f'sitwazzjoni xejn stabbli u f'hajja konfuzjonarja ghall-ahhar.

Ghalhek il-Qorti deherilha illi ma kellhiex aktar tittratjeni u tghaddi mal-ewwel biex taghti s-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Taht cirkostanzi normali din il-Qorti ma kinitx sejra tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti illi fuq il-provi li kellha quddiemha dak iz-zmien setghet legalment u

ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Però, fil-mori ta' dan l-appell gie introdott l-Att 3/2014 li gie mess in vigore fl-erbatax (14) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) u cioé wara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Din l-emenda tinvolvi l-artikolu 37(1) tal-Kodici Kriminali li jghid, "il-minuri taht is-sittax-il sena jkunu wkoll ezenti minn responsabiltà kriminali ghal kull att jew nuqqas maghmul minghajr hazen." Meta sar dan ir-reat l-appellant kien ghadu kif ghalaq it-tnax-il sena. Kwindi zgur illi kien taht l-età ta' sittax-il sena. Peress illi ma gewx ippruvati l-modalitajiet ta' kif gie mwettaq dan ir-reat, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi jekk dak illi ghamel l-appellant kien b'hazen jew minghajru. Ghalhekk dik il-kwalifika f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tapplikaha. Jibqa' allura l-fatt illi skont l-artikolu fuq imsemmi l-appellant m'ghandux responsabiltà kriminali ghal dan ir-reat. Kwindi l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tal-elfejn u tlettax (2013), tiddikjara lill-appellant mhux responsabbli kriminalment u ergo tordna l-liberazzjoni tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------